MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Talba Numru. 1527/2010

**Master Distributors Limited
C2837**

**vs**

**Sandro Azzopardi**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ tliet mija tmienja u tmenin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€388.24c) rapprezentanti l-ammont dovut ghall-merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta’ attrici lill-konvenut.

Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-ittra ufficjali skond Artikolu 166A li ggib in-numru 5424/09 u bl-imghax legali mit-13 ta’ Dicembru, 2007, data tal-konsenja sal-effettiv pagament kontra l-konvenut ngunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tliet mija tmienja u tmenin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€388.24c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------